# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ottubru 2021

**Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex kull min hu mgħammed jikkommetti ruħu fl-evanġelizzazzjoni, ikun dispost biex jagħti sehmu f'din il-missjoni, billi jkun xhieda ta' ħajja mfassla fuq il-Vanġelu.**

**Ninġabar:**

Nieħu ftit tal-ħin biex ninġabar u nħoss il-preżenza ta' Alla fija. Naħseb ftit fin-nies li qegħdin preżenti fil-ħajja tiegħi, fosthom il-familjari tiegħi, il-ħbieb u l-ġirien, kif ukoll dawk li naħdem magħhom u nirringrazzja lil Alla għalihom.

**Fatt ċkejken:**



Iż-żagħżugħ Taljan Carlo Acutis, li miet bil-*leukemia* fl-2006 fl-età ta' 15-il sena, għandu jkun ta' ispirazzjoni għalina. Huwa kien jgħix ħajja normali bħal żgħażagħ oħra u kien iħobb l-annimali u l-kompjuter. Madankollu, Carlo ħalla impatt fuq dawk li kienu jafuh, kif ukoll fuq dawk li semgħu dwaru wara mewtu. Huwa kien imur il-Quddies u jirċievi l-Ewkaristija kuljum. Barra minn hekk kien iqerr kull ġimgħa. Qabel jew wara l-quddiesa, kien iħobb iqatta' ftit ħin quddiem is-Sagrament. Carlo Acutis kien iħobb jgħid li l-Ewkaristija kienet "it-triq tiegħu lejn is-sema". Fih, l-imħabba lejn Alla u l-imħabba għall-oħrajn kienu ħaġa waħda. Huwa kien dejjem lest li jinkoraġġixxi u jappoġġa lil sħabu. Carlo kien jaqbeż għal dawk li kienu jiġu bbuljati. Ommu qalet li hu kien jonfoq ħafna mill-*pocket money* tiegħu biex jixtri *sleeping bags* għall-persuni li kienu jorqdu barra u hu kien anke jieħu l-ikel lill-foqra. Mhux ta' b'xejn li n-nies foqra u l-immigranti ħassew li kellhom bżonn jattendu l-funeral tiegħu. Carlo Acutis kien tista' tgħid ġenju tal-kompjuters, u barra li kien jgħin lil sħabu f'dan is-suġġett, kien żviluppa websajt li fiha ħoloq katalogu tal-Mirakli Ewkaristiċi. Din il-websajt kienet l-ispirazzjoni wara d-dokumentarju: "Segni" ("Sinjali") li kien ħareġ id-Dikasteru tal-Vatikan għall-komunikazzjoni f'Ottubru 2018. Il-Papa Franġisku, fl-eżortazzjoni fuq iż-żgħażagħ, 'Christus Vivit', qal li Carlo Acutis kien mudell għaż-żgħażagħ tal-lum li ħafna drabi jinqabdu f'nases "għax jingħalqu fihom infushom, f'iżolament u pjaċir vojt." Huwa qal ukoll li Carlo "kien jaf kif juża t-teknoloġija tal-komunikazzjoni l-ġdida biex jittrażmetti l-Evanġelju, biex jikkomunika l-valuri u s-sbuħija."

**Naħseb ftit:**

Qatt ħsibt kemm nista' nkun xhieda ta' ħajja mfassla fuq il-Vanġelu permezz tal-ħajja tiegħi ta' kuljum? Nifhem li l-ħbiberija sinċiera, l-għajnuna u s-sapport li noffri lill-oħrajn huma mezz ta' evanġelizzazzjoni f'dinja materjalistika u egoista?

**Nitlob:**

Mulej, għinni sabiex inkun lest li noffri l-għajnuna u s-sapport tiegħi lil kull min niltaqa' miegħu, biex b'hekk inkattar l-imħabba fid-dinja u nkun qed nimxi fuq il-passi ta' Ġesù.

**Kliem ta' dawl:**

Kull Nisrani hu missjunarju skont kemm kienet kbira l-laqgħa tiegħu mal-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù; ma ngħidux iżjed li aħna "dixxipli" u "missjunarji", imma li aħna dejjem "dixxipli-missjunarji".

*Evangelli Gaudium, 120*

**X'nista' nagħmel:**

Insib mezz kif nista' noffri l-għajnuna tiegħi, pereżempju billi nqatta' ftit ħin ma' xi persuna anzjana, noffri xi xirja lil xi familja li hi fil-bżonn, jew inqatta' ftit ħin ma' xi ħadd li għandu bżonn jaqsam id-dwejjaq u d-diffikultajiet tiegħu.